MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2010

Numru. 337/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frans Micallef)**

**vs**

**Kenneth Ellul**

Kumpilazzjoni Numru: 337/2008

Illum,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Kenneth Ellul, ta' 33 sena, iben Joseph Mary u Iris nee' Ellul, imwieled Pieta' nhar il-15 ta' Settembru, 1974 u residenti fil-fond

103A, Triq tal-Borg, Paola u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 444374M.

Akkuzat talli b'diversi atti maghmulin minnu, fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda u cioe' talli matul il-lejl ta' bejn il-15 u 2-16 ta' April, 2008, u matul iz-zminijiet ta' qabel, minn gewwa scrap-yard li tinsab fi Triq il-Belt Valletta, Luqa, ikkometta serq ta' oggetti, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, mezz u bil-valur liema valur huwa iktar minn €2329.37 (Lm1000).

Talli ukoll fl-istess data u fil-granet ta' qabel, f'dawn il-gzejjer xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, ndahal sabiex ibieghhom jew imexxihom.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli;

a) 18, 261(b)(c)(f), 263(a), 266(1)(2), 264, 267, 270, 178(2), 279(b), 289(2) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) 18 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) 17, 18, 23, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ai termini tan-nota ghar-rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali huma dawk ta' serq aggravat, ricettazzjoni u recidiva.

Illi mill-provi prodotti jirizulta ampjament li fil-lejl bejn il-15 ta’ April 2008 u s-16 ta’ April 2008 gew misruqa xi oggetti minn scrapyard fi Triq il-Belt Valletta Luqa a dannu ta’ Paul u Charles Cremona; f’l-iscrapyard hemm diversi closed circuit television cameras. Mir-recordings mehuda minn dawn ic-CCTVs jirrizulta ukoll li fil-lejl in ezami zewg persuni marru b’vettura sa hdejn il-grada ta’ din l-iscrapyard, wiehed minn dawn il-persuni qabez il-grada u dahal f’l-iscrapyard fil-waqt li l-iehor baqa barra. Dil-persuna li qabzet il-grada kienet ragel liebes qalziet skur u tee-shirt roza. Dan ir-ragel jidher f’ diversi cameras iqalleb affarijiet jidhru mitluqin ma’l-art u jiehu xi affarijiet minnhom; dawn beda johodhom ftit ftit hdejn il-grada minn fejn b’l-ghajnuna tal-persuna l-ohra qabbizhom il-grada u telqu ‘l hemm. Kemm ir-recording relattiv, kif ukoll xi stills mehudin minnu, huma esebieti in atti. L-ahwa Cremona qalu li huma gharfu l-persuna li tidher fir-recording bit-tee-shirt roza bhala l-persuna li gieli marret tbieghilhom scrap metal; a bazi ta’ din l-informazzjoni gie arrestat l-imputat u saret tfittxija fil-vettura tieghu. Hemm instabu tracci ta’ ram u bicciet zghar ta’ wires u oggetti ohra simili.

Illi l-ghada ta’ dan l-incident cioe fis-16 ta’ April 2008 l-imputat mar ghand certu Borda Urpani dealers u biegh sebgha mitt kilo ram.

Illi ta’ min wiehed jirrileva li fid-depozizzjonijiet taghhom Paul u Charles Cremona jaghtu verzjonjiet kontrastanti ta’ kemm insteraq ram u wires; Paul Cremona jghid li nsteraq elf kilo fil-waqt li Charles Cremona jghid li nsteraq erbgha mija u hamsin kilo. Huma jghidu ukoll li nsteraq il-kontenut ta’ pellet li kien lest ghall-esportazzjoni f’container; mir-recording tac-CCTV pero l-persuna bit-teeshirt roza ma tidhirx li qed tiehu affarijiet minn xi container imma affarijiet mitluqin ma’l-art.

Illi l-imputat, fil-waqt li nnega l-involviment tieghu f’dan l-incident, iggustifika l-prezenza tat-tracci ta’ wires u ram fil-vettura li kien juza billi qal li huwa jipprova jaqla l-ghejxin tieghu billi jbiegh dan it-tip ta’ scrap. Huwa fil-fatt xi snin qabel kien jahdem ma’ certu Alfred Ellul li kien jippermetti

lill-impjegati tieghu jiehdu ram li kienu jifirdu mill-iscrap fil-hin liberu taghhom.

Ikkunsidrat

Illi l-unika prova li ngabet u li allegatament torbot lill-imputat mal-fatti mertu ta’ dawn il-proceduri hija r-recording mehud mic-CCTV u l-istills mehuda minn dan ir-recording; qed jinghad li l-persuna li tidher liebsa teeshirt roza hija l-imputat.

Illi l-Qorti rat mhux biss l-istills imma anke kellha l-oportunita li tara r-recording esebiet. Minkejja dak li jghidu l-ahwa Cremona u (anke impjegat taghhom, certu Joseph Abela) il-Qorti ma tistax tghid b’certezza li l-persuna li tidher fir-ritratti u fir-recording huwa l-imputat; huwa veru li l-persuna li tidher fir-ritratti u l-imputat ghandhom l-istess statura pero l-imputat mhux l-uniku persuna f’Malta li ghandu dik l-istatura. Ghalhekk huwa determinanti wicc l-persuna li tidher fir-ritratti u huwa propju f’dan ir-rigward li fil-fehma tal-Qorti hemm dubbju ragonevoli dwar kemm jista’ jinghad li l-persuna li tidher fir-ritratti (u fir-recording) hija l-imputat.

Illi ghandu jinghad li l-prosekuzzjoni ressqet bhala prova ukoll diskors li ntqal mill-imputat lil ommu meta kien qieghed l-ghassa; diskors li ntqal fil-prezenza ta’ PC1609 Edward Mizzi. Skond dan il-kuntistabbli f’mument ta’ rabbja l-imputat qal lil ommu “hekk ridt…. u jekk nehel habs meta … nohrog nerga mmur u nisirqu”. Fid-depozizzjoni tieghu PC 1609 ma rrepetiex il-konverzazzjoni kollha li kien hemm bejn l-imputat u ommu imma din il-parti biss; l-unika haga li zied ix-xhud kien li dan id-diskors l-imputat qalu f’mument ta’ rabbja. Ghaliex kien irrabjat u f’liema kuntest intqal dan id-diskors bejn l-imputat u ommu ma jirrizultawx.

Illi f’dawn ic-cirkostanzi l-Qorti mhiex sodisfatta li gie pruvat ‘l hemm minn kull dubbju ragonevoli li s-serq li sehh fil-lejl bejn il-15 u s-16 ta’ April 2008 ikkommettih propju l-imputat jew li l-oggetti li huwa biegh l-ghada kienu propju dawk li nsterqu minghand Cremona.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------